FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 7 ta' Mejju, 2002

**Numru 29**

**Avviz numru 762/02JR**

**Island Sound Limited**

**vs**

**Peak Leisure Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta` attrici fl-1 t'April, 2002, fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u ghoxrin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm320.25), rapprezentanti prezz ta' servizz ta' reklamar moghti lis-socjeta` konvenuta fuq Island Sound Radio fuq inkarigu ta' l-istess;**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Anthony Vella ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont ghadu kollu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta` thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija u ghoxrin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm320.25) bl-imghax legali mid-9 t'April, 2002.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**